MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 330/2003

**Christine Cacciattolo**

**vs**

**Anthony Cacciattolo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-27 ta’ Novembru 1994.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

U illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

U illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenut datata 20 ta' Mejju 2003 fejn permezz taghha ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota tal-attrici tat-2 ta' Gunju 2003 li permezz taghha pprezentat kopja tac-Certifikat taz-Zwieg bejnha u l-konvenut.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2003 fejn Dr. Anthony Ellul ghall-attrici pprezenta l-affidavit tal-istess attrici, ta' Monica Catania u iehor ta' Alfred Catania. Fuq talba tad-difensur tal-attrici l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 t'Ottubru 2003.

Rat li minkejja li ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici, il-konvenut baqa' ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Christine Cacciattolo** tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit fejn sostniet:-

*"Jiena ltqajt ma' zewgi Anthony Cacciattolo fuq il-post tax-xoghol fejn kont nahdem. Hu kien jahdem hemmhekk sa minn qabel ma bdejt nahdem jien. Bdejna nohorgu flimkien ghall-habta ta' Marzu 1993. Jiena kien ghad kelli (17) sbatax-il sena. Jiena kont naf li hu kien akbar minni (14) erbatax-il sena. F'dak iz-zmien hu kellu wiehed u tletin (31) sena.*

*Hu kien diga' kellu post tieghu. Nghid li hu ma kienx joqghod fih imma xi sena wara li ltqajna flimkien hu beda joqghod fih u dan minhabba li kien gab kelb u ried li jderrih fil-post minn mindu kien zghir.*

*Fil-bidu ta' l-eghrusija taghna ma kien ikolli xejn x'ingorr fih. Jiena nahseb dak iz-zmien kont sibt il-liberta' fih. Anke l-fatt li kellu l-post diga' kienet taghtini sens ta' liberta' u 'security' fl-isfess hin u nahseb li dak iz-zmien dawn l-affarijiet li semmejt hallewni ghamja ghal affarijiet ohra. Fil-ghaxijiet kuljum konna noqoghdu fil-'flat'. Qabel ma zzewwigna jien kont naghmel kollox fil-'flat' tieghu. Kont insajjar, kont innaddaf u anke nahsillu hwejgu. Kien dejjem jghidli li kieku nizzewgu ma jkunx hemm ghalfejn johrog fil-ghaxija biex iwassalni d-dar ghand ommi.*

*Ma nghidx li gejt sfurzata minnu biex nizzewweg, imma kont inhossni li diga' qed naghmel kollox li dar tirrikjedi. U ghalhekk konna ddecidejna li nizzewgu. Konna ffissajna d-data qrib sena wara li bdejna nohorgu flimkien.*

*Ftit xhur qabel ma zzewwigna jien kont bdejt ninduna li l-atteggjament tieghu fil-konfront tieghi beda jinbidel, imma dejjem kont nghid "forsi minhabba t-'tension' tat-tieg".*

*Irrid inzid hawn li Tonio (Anthony) kien diga' ser jizzewweg darbtejn qabel ma jien iltqajt mieghu. L-ewwel darba kien dam gharus seba' (7) snin u hassar hu sebat ijiem qabel it-tieg, u t-tieni darba kien ilu jaf lil din il-persuna ghal xi sentejn u hassar xi ftit xhur qabel it-tieg. F'din ta' l-ahhar kellu wkoll diga' kallox ibbukkjat.*

*Hu ma nteressa ruhu xejn fil-preparamenti tat-tieg. Kulma niftakar kien li konna ghazilna l-inviti flimkien imma mill-bqija qatt ma wera hafna entuzjazmu. Jien biex inqatta' aktar hin mieghu kont inhalli hafna minn dawn il-preparamenti f'idejn ommi.*

*Anke fir-rigward l-intimita' taghna, f'dawn ix-xhur qabel it-tieg Tonio kien naqqas hafna hafna u jien dejjem kont ninsisti mieghi nnifsi li dan kien rizultat tat-'tension' ta' qabel it-tieg.*

*Ahna zzewwigna fis-27 ta' Novembru 1994. Lejliet it-tieg taghna kien hemm hbieb taghna li ser jizzewgu u ahna morna ghat-tieg taghhom. Tonio qatt ma deher ecitat li kien ser jizzewweg. Fil-fatt f'dak il-jum stess u cjoe' gurnata qabel ma zzewwgina kellna argument kbir ghaliex jien kont ili nghidlu biex jiccekkja l-passaport tieghu ghaliex l-ghada tat-tieg konna ser insiefru u qatt ma kien ta' kazi.*

*Dakinhar, jigifieri gurnata qabel it-tieg, wara li nsistejtlu fuq it-'telephone' biex imur jiccekkja l-passaport minnufih, hu nduna li kien skadut u minhabba f'hekk kellna nbiddlu l-hinijiet tal-'flights' sabiex ikun jista' jlahhaq igedded il-passaport dakinhar li kellna nsiefru.*

*Dakinhar tat-tieg wara li morna d-dar, hu ma riedx ikollu x'jaqsam mieghi. Hu kien qalli "u issa nilhqu naghmlu". Hu qaghad jara t-'television' u jien qghadt innaddaf ghaliex il-kelb kien qabez fil-hamrija u kien mela l-'flat' kollu hamrija.*

*Fil-'honeymoon' l-istess, bil-kemm kellna rapporti ntimi flimkien – kien aktar jinteressah fix-'shopping' (peress li konna morna Londra) milli fil-'honeymoon'.*

*Meta gejna lura mill-'honeymoon' ir-ragel tieghi kien qalli li ha jieqaf mix-xoghol ghax kien imdejjaq. Hu kien ghamel minn Dicembru tal-1994 sa Dicembru tal-1995 ma jahdimx, hlief ghall-perjodu tas-sajf fejn kien jahdem bhala 'bouncer' go 'discotheque'. Dan ix-xoghol lili kien idejjaqni hafna. Qabel ma bdejna nohorgu flimkien hu kien diga' jaghmel dan ix-xoghol nhar ta' Hadd biss u wara li bdejna nohorgu flimkien kien qalli li mhux ser ikompli. Mill-ewwel kont urejtu bic-car li jien dan it-tip ta' xoghol idejjaqni hafna.*

*F'dak il-perjodu tas-sajf li ghadni kif semmejt, ahna kien ikollna glied kontinwament u dan ghas-semplici fatt li jien kont nahdem mit-8:30 a.m. sal-5:00 p.m. u meta kont nigi mix-xoghol jien kont dejjem insibu rieqed. Wara li jqum kien jitlaq ghax-xoghol. Bil-kemm konna niltaqghu ghax fis-sajf dan it-tip ta' xoghol kien ikun fil-'peak' tieghu. Rari kien ikun 'off'. Kont naghmel 'weekends' kollha gewwa ghax f'dak iz-zmien lanqas hbieb ma kelli ghax kienu kollha bil-'boyfriend'.*

*F'dak il-perjodu wkoll jien kont inqbadt 'pregnant'. Jien korrejt ta' tmien gimghat u dan kien waqt argument kbir li kellna. Hu kien weghdni li ser jehodha 'off' biex nohorgu u kont diga' bdejt nipprepara li hergin meta kien qalli li kellu jidhol xoghol bilfors.*

*L-affarijiet minn dak iz-zmien baqghu sejrin hazin. Imma meta mbaghad kien sab xoghol fiss f'Dicembmu tal-1995 is-sitwazzjani bdiet tirranga ftit. Ghaldaqstant ir-relazzjoni sesswali taghna qatt ma mpruvjat, anzi kienet marret ghall-aghar.*

*Minkejja dan pero', jien f'Gunju tal-1996 ergajt inqbadt 'pregnant'. Niftakar ezattament meta kont inqbadt 'pregnant', kien f'wahda mill-glidiet li kien ikollna kontinwament ghax qatt ma kien ikun irid ikollu x'jaqsam mieghi. U dakinhar biex isoddli halqi kellna x'naqsmu flimkien u hrigt tqila.*

*Wara li kelli t-tifla l-hajja sesswali taghna baqghet tmur ghall-aghar u l-frustrazzjoni tizdied. L-attitudni tieghu fil-konfront tieghi kienet vera hazina mieghi. Kien iI-hin kollu jghajjarni u jiksirni quddiem in-nies. Hu qatt ma kien jghini fid-dar. Wara x-xoghol kont dejjem insibu jara t-'television' u kien jiccaqlaq biss, biex jiekol.*

*MiIl-bqija xejn ma kien jaghmel fid-dar. Jien ridt niehu hsieb id-dar, nahdem u niehu hsieb it-tifla. Lanqas mat-tifla hu xejn ma kien jippartecipa.*

*Jien dak iz-zmien kont diga' mdejqa hafna ma' Tonio izda wara Ii kelli t-tifla kont bdejt insibha difficli hafna biex nitlaq mid-dar ghax kont inhossni 'guilty' minhabba t-tifla. Kont nghid li mhux 'fair' li t-tifla titla' f'ambjent ta' genituri separati.*

*Is-sitwazzjoni baqghet sejra ghall-aghar sakemm darba wahda hu refa' jdejh fuqi. Dakinhar jiena bdejt nippakkja kollox. Jien kont ghidtlu Ii ser nitilqu imma hu qatt ma hadni bis-serjeta'. Ghalkemm kien jarani qed nippakkja l-hwejjeg u nehodhom ghand ommi, hu xorta ma kienx jahseb Ii jien nasal Ii nitlaq.*

*Gimgha wara dan I-episodju, jien hadtlu 'draft' tas-separazzjoni w accetta kulI kundizzjoni Ii kien fih.*

*Gimghatejn wara u cjoe' fit-13 ta' Gunju 2000 ahna sseparajna Iegalment. lt-tifla kellha tliet snin.*

Illi **Monica Catania** xehdet permezz tal-affidavit fejn sostniet illi:

*"Jiena nigi omm Christine Cacciattolo. Jiena ghandi zewgt itfal, Christine u tifel Aldo, akbar minn Christine.*

*Meta Christine kellha sbatax–il sena jiena sirt naf li kienet qed tohrog ma' xi hadd li kien jahdem maghha. Ma kontx naf id-dettalji dwar din il-persuna ghall-ewwel ftit. Wara ftit li bdew jiffrekwentaw lil xulxin, Christine bdiet tqatta' l-hin kollu liberu taghha mal-'boyfriend' taghha, li wara sirt naf li*

*huwa Anthony Cacciattolo. Binti qaltli li Anthony kien seba' snin akbar minnha.*

*Wara ftit xhur binti qaltli li hija u Anthony kienu ser jizzewwgu. Jiena ppruvajt nifthilhom ghajnejhom peress li fl-opinjoni tieghi binti kienet ghadha zghira wisq biex tizzewweg. Pero' peress li Anthony diga' kellu d-dar lesta, u Christine kienet qed tqatta' fil-ghaxijiet dejjem ghandu, huma ddecidew li ahjar jizzewgu biex Anthony ma joqghodx johrog fil-ghaxija biex iwassalha. Fil-fatt kemm-il darba, Anthony kien ighid lil Christine biex titlob lil zewgi biex iwassalha hu d-dar, minflok joqghod johrog hu.*

*Nispjega li jiena kont inzomm id-dixxiplina fuq uliedi u ghalhekk bdejt ninduna li binti bdiet tara din ir-relazzjoni bhala avventura li twassalha ghal-liberta' mis-sikkatura li kellha d-dar. Jiena ma xtaqtx li binti tizzewweg minhabba din ir-raguni, pero' huma kienu determinati li jizzewgu fi zmien qasir.*

*Darba minnhom id-dar tieghi kien hemm karta tal-'income tax' ta' Anthony u ndunajt li fil-fatt Anthony kien erbatax–il sena akbar minn binti. Jiena xxukkjajt ruhi peress li d-differenza t'eta bejni u bejnu kienet ta' hdax–il sena u cjoe' anqas mid-differenza ta' eta' bejn binti u bejnu. Binti kienet gidbet ukoll dwar l-eta' ta' Anthony peress li kienet taf li dan il-fatt kien ser jinkwetana lili u lil missierha.*

*Kien ghalhekk li jiena kellimthom flimkien lil Christine u lil Anthony, u tajthom parir sabiex jipposponu l-gurnata tat-tieg u dan biex Christine tilhaq tikber naqra ohra u timmatura. Fl-istess waqt huma kien ikollhom ic-cans jidraw lil xulxin ahjar.*

*Minkejja t-twissijiet tieghi, Christine u Anthony xorta wahda ddecidew li jizzewgu u fil-fatt hekk gara.*

*F'dan l-istess zmien, ahna sirna nafu li Anthony kien wasal biex jizzewweg f'zewg okkazjonijiet ohra, pero' hassar fl-ahhar mumenti. Wahda mill-gharajjes ta' Anthony konna nafu lil zijuha u jiena u zewgi ddecidejna li nkellmuh sabiex ighidilna x'kienet il-problema bejniethom.*

*Dan ghamilnih biex inserrhu rasna mir-relazzjoni tat-tifla ma' Anthony, peress li kif ghidt, kien hemm ghadd ta' fatturi li qed jinkwetawna. Peress li dan iz-ziju ma qalilna xejn partikolari ahna qisna serrahna rasna u komplejna bil-preparazzjoni tat-tieg.*

*Jiena u r-ragel hallasna ghall-ispejjez tat-tieg, u fil-fatt jien kont involuta sew fil-preparamenti. Ghamilt il-hjata kollha jiena, u ppartecipajt fil-'bookings' tal-affarijiet l-ohra.*

*Ghalkemm il-preparamenti ghat-tieg damu xhur shah, da parti ta' Anthony qiesu ma kienx hemm interess partikolari. Fil-fatt gurnata qabel it-tieg, fuq insistenza ta' Christine, Anthony ccekkja l-passaport u skopra li kien skada. Niftakar li binti l-ghada stess tat-tieg kienet inkwetata ferm peress li bezghet li Anthony mhux ser ilahhaq igedded il-passaport. Huma bdew iz-zwieg taghhom bil-glied.*

*Ftit wara li zzewgu Anthony waqaf mix-xoghol hesrem. Jidhirli li kien qal li waqaf peress li kien imdejjaq jew ghax kellu ftit paga. Binti baqghet tahdem u tmantni lilu. Huwa kien dam xi xhur qieghed. Ghalkemm kienet ghadha mizzewga friska binti kienet tidher li m'hijiex kuntenta fil-hajja taz-zwieg. Hija hasbet li biz-zwieg kienet ser takkwista l-liberta' u minflok spiccat tahdem ghar-ragel. Kienet qed tbaghti wkoll minn hafna wgiegh ta' rasijiet, pero' ma kienetx qed tistqarr mieghi l-ghala kienet daqstant mdejqa.*

*Naf li fis-sajf beda jahdem bhala 'bouncer' b'mod li bil-kemm kienu jiltaqghu. Christine ammettiet mieghi li kienet iggieldet ma' zewgha dwar dan peress li ma riditux jadhem bhala 'bouncer'. Da parti tieghu Anthony kien diga' hadem bhala 'bouncer' meta kien guvni u ried jibqa' ghaddej b'dik il-hajja ghalkemm issa kien mizzewweg.*

*Xi xhur wara li zzewgu Christine kienet tqila u korriet it-tarbija. Kienet qattghet xi jumejn ghandi sakemm tirkupra mix-xokk. Ghalkemm Anthony seta' gie joqghod ghandna flimkien ma' martu, huwa ddecieda li ma jigix. Jiena ma rajtux qed juri nteress f'martu f'dan il-mument tant*

*partikolari fejn kienet ghadha kif tilfet tarbija. Sa dak iz-zmien ma kontx naf kemm kienu qed jiggieldu Christine u zewgha.*

*Binti Christine baqghet qisha qatt ma harget mid-dwejjaq li kellha. Ma baqghetx it-tfajla kalma li kienet qabel iz-zwieg, izda dehret li kibret f'daqqa. Meta sussegwentement kellha tarbija u din ghalqet tliet snin, sirt naf li bejn binti u zewgha m'hemmx futur. Binti kienet giet id-dar tizvoga d-dwejjaq kollha li kellha. Hija stqarret mieghi li zewgha lanqas biss kien iffittxha, anzi kien jipprova jahrabha. Mhux biss izda kienu qed jiggieldu kontinwament u quddiem in-nies kien jittrattaha verament hazin. Apparti l-fatt li ma kienx jirrispetta lil binti, Anthony lanqas biss kien juri nteress f'binthom stess. Huwa ma kienx 'father figure' ghal bintu. Anthony kien jidher aktar interessat fil-kelb milli fil-familja tieghu tant li Christine kient tghidli "kellu bzonn ihobbni daqs kemm ihobb lil kelb tieghu, ghax kieku jiena regina".*

Illi fl-affidavit tieghu **Alfred Catania** sostna illi:

*"Jiena nigi missier Christine Cacciattolo. Meta binti kellha sbatax–il sena hija bdiet tohrog ma' guvni minn fuq il-post tax-xoghol. Kienet qaltilna li dan il-guvni kien seba' snin akbar minnha. Jiena sirt naf ukoll li kellu post tieghu u wara ftit beda jghix ghal rasu.*

*Jiena u marti ma konniex hadna gost li t-tifla kienet qed tmur fl-appartament tal-'boyfriend' taghha peress li Christine setghet facilment taqa' ghat-tentazzjoni. Konna wissejna lil Christine biex ma taghmilx hmerijiet u fuq kollox konna zammejna l-'curfew' li kellha qabel. Christine kienet tmur ftit wara li tirritorna lura mix-xoghol u tibqa' hemmhekk sa mhux aktar tard minn nofs il-lejl.*

*Wara ftit xhur it-tifla qaltilna li ser tizzewweg. Jiena ma hadtx gost b'din id-decizjoni peress li Christine kien ghad ghandha biss (17) sbatax-il sena. Minkejja t-twissijiet taghna Christine xorta wahda ghamlet ta' rasha u kompliet bil-preparamenti tat-tieg.*

*Xi zmien wara l-mara ndunat li Anthony huwa akbar minn Christine (14) erbatax-il sena u mhux (7) seba' snin kif qalet Christine. Dak iz-zmien jiena u marti ergajna bdejna ninkwetaw ghal din is-sitwazzjoni. Id-differenza ta' eta' kienet kbira wisq u t-tifla ma kenitx matura bizzejjed biex tizzewweg ragel daqshekk kbir fl-eta'. Jiena u marti kellimna lil Christine u lil Anthony dwar din il-problema u tajnihom parir biex jipposponu t-tieg sakemm Christine tikber naqra aktar. Ghal darb' ohra huma njoraw il-parir taghna u baqghu ghaddejjin bil-preparamenti.*

*Naf li f'dak iz-zmien qabel it-tieg, marti kienet involuta sew fil-preparamenti tat-tieg. Kienet qisha ser tizzewweg hi. Minkejja li z-zmien kien qed joqrob, ahna qatt ma ltqajna formalment ma' omm Anthony u l-familjarji tieghu. Ahna xi drabi konna niltaqghu b'kumbinazzjoni fl-appartament ta' Anthony. Ahna qatt ma morna ghand xulxin.*

*Aktar ma beda joqrob it-tieg, l-unika argument li kien ikun hemm id-dar, huma dwar il-preparamenti. L-ghada tat-tieg jiena u l-mara sirna nafu li Anthony ma kienx gedded il-passaport tieghu u t-tifla kienet inkwetata mmens. Minflok qattghu l-ewwel gurnata ferhanin ghax izzewgu, binti u zewgha qattghu l-ewwel gurnata jargumentaw.*

*Wara ftit zmien li kienu ilhom mizzewwga, Anthony telaq mix-xoghol b'mod li binti baqghet tahdem hi biex tmantni lilu wkoll. Ghamel perjodu jahdem bhala 'bouncer' meta t-tifla assolutament ma ridietux jaghmel dan ix-xoghol. Niftakar li ghalkemm it-tifla kien ghad ghandha dsatax-il sena, kienet fl-ahjar ta' hajjitha u kienet mizzewga friska, hija kienet dejjem tidher hosbiena u mdejqa.*

*Jiena u marti sirna nafu bil-problemi kbar li kien hemm bejn Christine u zewgha meta t-tarbija taghhom ghalqet tliet snin. Christine fethet qalbha ma' marti u ammettiet li zewgha lanqas biss kien iffittxha. Dan apparti l-fatt li kien jinjora l-bzonnijiet taghha u tat-tifla. Jidher li l-hajja mizzewga ta' binti kienet wahda ta' glied kontinwu. Mhux biss, izda xahrejn wara li Christine fethet qalba maghna, sirna nafu wkoll li Anthony sawwatha. Ftit zmien wara huma sseparaw".*

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed issostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li l-partjiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu; rabtu l-kunsens taghhom ghall-kundizzjoni li tirreferi ghall-futur; il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kollox *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (g)** u / jew **(d)** u / jew **(f)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi l-ahhar stipulazzjoni li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici hija dik *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (g)** li tipprovdi li z-zwieg huwa null:-

***(g)*** *jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* .

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in* 'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55*)* jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are*

*relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid :-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* (***Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** (Montreal, 1993) p. 686).

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew*

*kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Theuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary"**. pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur, pero' abbazi tal-provi prodotti ma jidhirx li dan l-element gie ppruvat u ghalhekk it-talba attrici fuq din il-bazi qed tigi michuda.

**(iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi l-provi li ngabru f’din il-kawza huma dawk tal-attrici, u tal-genituri taghha Monica u Alfred Catania, u dan *tramite* l-affidavits taghhom fuq riportati, esebiti b’nota datata 19 ta’ Gunju 2003.

Illi l-konvenut f’din il-kawza pprezenta nota ta’ ammissjoni tat-talbiet attrici, pero’ dan bl-ebda mod ma jfisser li b’hekk l-azzjoni attrici hija ddikjarata bhala ammessa *sic et sempliciter*. Anzi l-Qorti, anke b’rispett stess ghall-istituzzjoni taz-zwieg ghandha l-obbligu li tezamina l-provi prodotti u tiddikjara n-nullita’ taz-zwieg biss jekk il-provi jkunu tali li jiggustifikaw tali konkluzjoni, inkluz li jigu sostanzjati l-bazi legali ta’ tali allegata nullita’.

Illi qabel xejn pero’ huwa doveruz illi wiehed jirrimarka fuq il-fatt illi f’din il-kawza effettivament mhux biss ma gietx registrata oppozizzjoni *da parti* tal-konvenut ghat-talba attrici biex iz-zwieg in kwistjoni jigi dikjarat null u bla effett, izda addirittura hemm ammissjoni. Fil-fatt il-konvenut ta’ ruhu b’notifikat b’nota tat-28 ta’ Mejju 2003 u ammetta t-talba attrici. Madanakollu, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani, inkluz fil-kawza **“Jane Barbara vs Paul Borg”** (P.A. (RCP) 26 ta’ Gunju 2003) f’dawn it-tip ta’ kawzi li f’kawzi ta’ annullament, anke meta ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-parti l-ohra w addirittura f’kazijiet fejn il-parti konvenuta tirregistra ammissjoni ghat-talba attrici, xorta wahda jehtieg illi jigi stabbilit illi hemm bazi reali u legali ghall-pronunzjament tal-annullament taz-zwieg. *Di fatti* fil-kawza fl-ismijiet **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) deciza fit-30 t’April 2002), il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili enuncjat il-premess:-

*“Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f’din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza **“Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia”** (A.C. 15 ta’ Jannar 2002 – Cit. Nru. 165/95VDG) anke fil-kaz ta’ “ammissjoni*

*ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara wkoll* ***"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"*** *(PA – 4 ta' Novembru 1994);* ***"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"*** *(PA – 3 t'Ottubru 1995);* ***"Evelyn Agius vs John Borg"*** *(PA – 4 t'Ottubru 1995);* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"*** *(PA – 10 ta' Novembru 1995);* ***"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *(PA – 21 ta' Novembru 1995);* ***"Terrence Richard vs Maria concetta Richard nee' Goodlip"*** *(PA – 22 ta' Frar 1996);* ***"Alfred Tonna vs Maria Tonna"*** *(PA – 31 ta' Jannar 1996);* ***"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"*** *(PA – 16 ta' Settembru 1996)".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-koppja ltaqghet meta l-attrici kellha biss (17) sbatax-il sena u l-konvenut kellu (31) wiehed u tletin sena; dan gja' kellu post tieghu u l-attrici bdiet tiffrekwenta l-istess fond u litteralment jghixu fih, hlief li kienet tirritorna d-dar t'ommha fil-ghaxija. Jidher u jirrizulta li l-koppja mill-bidu nett kellhom relazzjonijiet intimi ma' xulxin, anke qabel iz-zwieg, hlief ghal xi perjodu qasir qabel iz-zwieg innifsu.

Illi jirrizulta wkoll li l-attrici rragunat li ladarba kienet qed tghix *"qisha gja' mizzewga"* l-pass li kien fadal kien biss li effettivament jiehdu sehem f'celebrazzjoni ta' zwieg, u fil-fatt hekk sar ghalkemm il-konvenut kien u baqa' distakkat ghal kollox f'dak li huma preparamenti taz-zwieg; f'dak il-perjodu meta saret dina d-decizjoni sabiex il-partijiet jizzewgu, u wkoll wara z-zwieg jidher car li l-konvenut bired mill-attrici, u jirrizulta wkoll li l-konvenut naqqas ukoll l-interess fir-relazzjoni bejn il-partijiet, tant li telaq mix-xoghol xahar wara z-zwieg u beda jahdem biss fix-xhur tas-sajf bhala *bouncer* mentri l-attrici baqghet bl-impjieg taghha.

Illi jidher li minhabba dan kollu, u minkejja t-twelid ta' tifla, is-sitwazzjoni precipitat ghall-aghar, fis-sens li rari l-partijiet kienu jitkellmu u jikkollaboraw flimkien, bl-attrici tipprova tlahhaq max-xoghol, mad-dar u ma' bintha, bl-

ebda ghajnuna mill-konvenut, tant li dan kien sens ta' konflitti konstanti bejniethom, sakemm l-attrici wara li allegat li l-konvenut refa' jdejh fuqha, telqet mid-dar, u f'gimgha sar kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' Gunju 2000, meta t-tifla kellha biss tliet (3) snin.

Illi f'kazijiet ta' zwieg huwa presunt li l-kontraenti jkollhom u *"enjoy the critical knowledge or the evaluation of marriage, as well as the obligations and duties of the spouses, as well as the capacity of taking on and fully the obligations as spouses"* (**"Mifsud vs Vella Catano"** – Tribunal Regjonali tas-Sekond' Istanza – 11 t'Ottubru 2002).

Illi jinghad ukoll li fil-kuntest tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, u dan anke fil-kuntest ta' **Can 1095** li:

*"Where a distinct and clear lack of due discretion has been established and when the person has not been able to make the required informal appreciative judgement about the marital obligations and responsabilities, that person for this reason, cannot be considered to have been capable at the time of marriage to assume these obligations and responsabilities and cannot be regarded as having assumed them (RPD : Pio Vito Pinto. Sent 20 ta' Marzu 1998. Prot.n.17.490,n.7).*

Illi fl-isfond ta' dan kollu, inkluz dak li nghad aktar 'il fuq dwar l-artikolu taht ezami, jirrizulta mill-provi prodotti n-nuqqas totali mill-partijiet ta' kull kwalita' ta' emozzjoni u kapacita' kritika-evalwattiva fil-mument taz-zwieg, *stante* li d-decizjoni li l-partijiet jidhlu ghal tali unjoni ttiehdet biss fuq il-fatt materjali li prattikament, *nonostante* d-differenza fl-eta' bejn il-konjugi attwali. Il-fatt li huma kienu gja' qed jghixu flimkien fil-*flat* tal-konvenut, u kienu jaghmlu kollox ta' mizzewgin, seta' allura kien jonqos biss li jiccelebraw iz-zwieg, sabiex jigi evitat li l-konvenut kuljum iwassal lill-attrici d-dar ghand il-genituri taghha biex torqod hemm.

Illi certament meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li l-attrici zzewget lill-konvenut meta hija kellha biss (18) tmintax-il sena, jidher car li hija kienet ghal kollox

immatura f'dak iz-zmien sabiex tifhem x'kienu l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Anzi, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-kapacitajiet evalwattivi taghha kienu wkoll *in gran parte* mcajpra bil-fatt li hija lludiet ruhha li kienet kisbet il-liberta' mill-genituri taghha, ghaliex kien qed ikollha relazzjoni ntima mal-konvenut, u ghaliha ghal kull intenzjoni kienet gja' qed tghix minghaliha ta' hajja mizzewga mal-konvenut, ghaliex kienet taghmel il-facendi tad-dar.

Illi dan ir-ragunament fih innifsu jikxef immaturita' tali fl-attrici, li fl-istat ta' hajja li kienet waslet ghalih, hija litteralment kienet ghadha *"tifla"*, inkapaci li tifhem, tapprezza, u tiehu decizjoni libera, tant li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, hija kienet inkapaci li taghmel ghazla libera dwar l-istat li kienet diehla ghalih, inkluz l-element ta' fedelta', permanenza, ulied, u *"the right and obligation to the community of the whole life",* li tinkludi l-abilta' li mhux biss tidhol f'din il-forma ta' relazzjoni ma' persuna ohra, izda tghix l-istess tip ta' komunjoni u dispozizzjoni li thobb u tigi mahbuba, u li taqsam litteralment hajtek ma' haddiehor u taccetta r-responsabbilta' ghall-*ben essere* tal-hajja ta' haddiehor, inkluz li tiffaccja l-problemi tal-hajja u taz-zwieg fi grad normali u accettabbli ta' kompetenza.

Illi dan kollu kien 'il boghod hafna mir-realizzazzjonijiet tal-attrici, anzi fl-istat immatur li kienet, l-attrici lanqas biss kellha hsieb tal-istess, ghaliex ghaliha dak li kien importanti kien li tghix ta' *"mara"*, indipendenti 'l boghod mid-dar, u jitnehha l-inkonvenjent li l-konvenut kull fil-ghaxija jwassalha lura ghand ommha.

Illi min-naha tal-konvenut jirrizulta li fil-kaz tieghu huwa kien naqas minn kull inizjattiva ghal tali *commitment,* u fittex biss li jkun komdu fir-relazzjonijiet tieghu mal-attrici, tant li ladarba huwa kien sodisfatt mill-att materjali tal-hajja, huwa sab ruhu komdu b'din is-sitwazzjoni, u mexa mal-kurrent, bla ebda legami emottivi, u fil-kuntest taz-zwieg, irrizulta li lanqas kien ippreparat ghal dan, ghaliex tali rabta rrendietu *immune* ghall-attenzjoni li kienet ittih l-attrici, tant li huwa rrifjuta li jaghti l-attenzjoni tieghu wkoll materjali lill-attrici. Dan wassal ghall-konkluzjoni unika

emozzjonalment u mill-att ta’ kunsens il-konvenut, *nonostante* l-eta’ tieghu ma kienx kapaci ghal tali tip ta’ *commitment*, li fl-istat li kien la fehem, u wisq anqas prova jifhem. Ghalhekk f’dan il-kaz, bhal kaz tal-attrici, kien hemm difett ta’ diskrezzjoni fil-kunsens tal-konvenut fuq il-hajja mizzewga, kollox skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**. Fil-kaz tal-konvenut dan huwa kkonfermat ukoll mal-fatt li huwa accetta t-termini ta’ separazzjoni lilu proposti, hekk kif redatta mill-attrici, fi ftit jiem minn meta hija telqet mid-dar.

Illi abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni wkoll tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fis-27 ta’ Novembru 1994 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------